MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 502/2012

**Appell Nru. 502/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Joseph Gatt**

**Illum 11 ta’ Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 431151(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta’ Jannar, 2011 ghall-habta tal-11.15 hrs fi Triq San Bartilmew, Zurrieq, waqt li kellu fit-triq vettura tal-marka “Mercedes Benz” registrata b’numru IAN 634 :
1. ghamel uzu minn marka ta’ registrazzjoni xort’ohra minn dik moghtija mill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, u cioe` ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra IBF 968 li huma

mahruga ghal fuq vettura (Agricultural Tractor) tal-ghamla “Massey Ferguson”;
2. saq l-imsemmija vettura tal-marka “Mercedes Benz” registrata b’numru IAN 634 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta biex tintuza fit-triq (vettura garaxjata);
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu mill-imsemmija vettura tal-marka “Mercedes Benz” registrata b’numru IAN 634 minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 44(5) LN 198/2009, 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u artikolu 3(1) tal-Kap. 104, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza kkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tlett (3) xhur, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erbgha snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet akkuzi ikkundannatu ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ elfejn u erbgha mitt Ewro (€2,400) pagabbli fuq medda ta’ sentejn u sospenzjoni milli jkollu licenzja tas-sewqan ghall-zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie kkundannat piena ta’ tlett xhur prigunerija sospizi ghal erba` snin, multa ta’ elfejn u erba` mitt Ewro (€2,400) u sena sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan, u tipprovdi ghall-piena aktar baxxa, mita u aktar idoneja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u skartat it-tezi tad-difiza meta l-fatti juru b’mod car li c-cirkostanzi tal-kaz mertu ta’ dan l-appell kienu ta’ natura straordinarja u partikolari hafna. Illi kif gia inghad l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jikser il-ligi; l-unika hsieb li kellu kien illi jiehu lill-martu ghall-ghajnuna medika mill-aktar fis possbbli, u sabiex jghamel dan, uza l-ewwel mezz ta’ trasport li kien hemm disponibbli ghaiih.

Illi bil-qima jinghad li meta l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet sabiex tikkonsidera u tiddeciedi l-mertu ta’ dan il-kaz, applikat id-dizpozizzjonijiet relevanti tal-Ligi b’mod rigidu hafna minghajr ma qieset dawk ic-cirkostanzi specifiki tal-kaz illi kellhom jimmilitaw favur l-appeiiant.

Illi di piu l-Ewwel Qorti, fl-ghoti tal-kundanna ta’ piena, naqset milli tiehu debita konsiderazzjoni tal-fedina penali netta tal-appellant, u kwindi naqset milli tqis illi l-esponenti m’huwiex “hardened criminal”  li ghandu xi disposizzjoni jirrepeti l-agir tieghu.  Hija ghalhekk l-umli sottomissjoni tal-appeiiant illi l-kundanna ta’ tlett xhur prigunerija sospizi ghall-massimu tat-terminu impost fl-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Maita, oltre l-impozizzjoni ta’ multa fl-ammont ta’ € 2,400, huma pieni eccessivi u ma jirriflettux c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Illi in kwantu ghall-kundanna ta’ sena sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, din hija ukoll piena eccessiva, u certament li ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt illi impjieg tal-appellant jinvolvi xoghol ta’ s-sewqan kontinwu u li huwa ghalhekk necessarju li l-appellant jkollu fil-pussess tieghu licenzja valida tas-sewqan.  L-appellant jahdem bhala bidwi full-time, u juza l-vettura tieghu kemm biex jaghmel xoghol fl-ghelieqi u kik ukoll sabiex jittrasporta l-prodotti tal-biedja l-pitkali.  Konsegwentament, f’kaz li tigi affettwata tali piena, l-appeiiant effettivament ser jispicca dizokkupat ghall-perjodu kollu li fih tkun fis-sehh tali sospenzjoni.   Illi in vista tas-suespost, bil-qima jinghad illi fil-kaz in desamina jezistu l-estremi kollha illi trid il-ligi sabiex jigu appilkati favur l-appellant d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghaldaqstant, in vista ta’ dak kollu hawn fuq espost, hija l-umli sottomissjoni tal-appellant, li-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

Salv aggravji ohra;

Ikkunsidrat:

Il-fatti meritu ta’ din il-kawza mhumiex kontestati mill-appellant. Fil-fatt irrizulta illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar tal-elfejn u tnax (2012) ghal haba ta’ 11.15hrs fi Triq San Bartilmew, iz-Zurrieq, uza Mercedes Benz bin-numru IAN-634 bi pjanci tan-numru ta’ registrazzjoni IBF-968 li huma mahruga ghal fuq vettura “tractor” tal-ghamla “Massey Ferguson”; illi saq din il-vettura minghajr ma kienet illicenzata biex tintuza fit-triq peress illi kienet vettura Mercedes iggaraxxjata u ghamel uzu minn din il-vettura minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni. L-appellant però qieghed jghid illi kien hemm cirkostanzi straordinarji u partikolari illi gaghluh juza din il-vettura u dan il ghaliex kellu jiehu lil martu ghand it-tabib tal-familja peress illi din bdiet tilmenta minn ugigh insupportabbli. Ghalhekk, minhabba l-urgenza tac-cirkostanzi li spicca fihom l-appellant kellu bzonn mill-aktar fis possibbli juza l-unika mezz ta’ trasport illi kien disponibbli ghalih dak il-hin sabiex jiehu lil martu ghall-ghajnuna medika. Ukoll, dana kien biss fatt singolari f’cirkostanzi straordinarji u li ma kellu l-ebda intenzjoni li jikkommetti dawn ir-reati u uza dan il-mezz ta’ trasport b’mod immedjat ghall-ghajnuna medika. Ilmenta li l-Qorti kienet harxa wisq fil-konfront tieghu u talab ir-revoka tal-parti tas-sentenza fejn gie kundannat ghall-piena ta’ tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin u l-multa ta’ elfejn u erba’ mitt ewro (€ 2,400) kif ukoll is-sena sospensjoni tal-licenzja.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tahsibx illi l-appellant ghandu jibbenefika minn xi cirkostanzi partikolari u straordinarji illi huwa jallega illi kien jinstab fihom. L-ewwelnett, l-appellant kellu zmien

bizzejjed biex joqghod jahsibha jbiddel il-pjanci minn dawk ta’ tractor ghall-agrikoltura ghal din il-vettura partikolari, jiehu hsieb jistartja din il-vettura illi presubilment wara zmien iggaraxxjata ma tantx kienet facli biex tistartja u johrogha barra fit-triq. Dawn l-atti jindikaw attitudni determinata fejn l-appellant konxjament ried jikser il-ligi u sabiex ma jinqabadxipprova juri xi haga b’ohra billi jaghmel pjanci illi ma kinux ta’ dik il-vettura partikolari. Zgur illi l-appellant kellu diversi mizuri ohra x’jikkonsidra oltre din illi jikser il-ligi. U issa ma jistax jiehu beneficcju minn dan il-ksur billi jirreklama xi immunità mill-kastig ghax inqabad f’sitwazzjoni illegali. La darba instab hati l-iskwalifika tal-licenzja hija mandatorja u l-Qorti ma kellhiex ghazla. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali illi dina tigi disturbata jekk jirrizulta illi qieghda fil-parametri tal-ligi u m’hemm l-ebda indikazzjoni illi setghet kienet mod iehor. Il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------